MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
ELLUL ANTHONY**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1121/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Brian Briffa abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Brian Briffa.**

**Vs**

**Carmel Sant**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm312.31), rapprezentanti danni li ghamlet tajjeb ghalhom is-socjeta attrici abbazi ta' polza tat-tip comprehensive, salv ghal excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) excess u tlieta u ghoxrin lira

Maltija (Lm23) kiri ta’ vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Brian Briffa, bhala rizultat ta’ incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta’ April 2000 ghall-habta tal-10.30 a.m. gewwa Triq il-Kostituzzjoni kantuniera ma’ Triq Nicolo Isouard, Mosta bejn il-vettura bin-numru IAA 094 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru LCY 949.

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut ikkontesta r-responsabbilta u d-danni reklamati.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsdira:

1. Ra n-nota li giet prezentata mill-konvenut fil-11 ta’ Lulju 2002 u li biha rtira l-ewwel eccezzjoni. B’hekk fadal biss li tigi deciza l-kwistjoni dwar id-danni rekalmati mill-atturi.

2. Min isofri l-hsara ghandu obbligu li jimminimizza d-danni. Hemm sensiela shiha ta’ sentenza li jikkonfermaw dan il-principju:

- **Mario Blackman vs Paul Formosa** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Citaz. Nru. 632/84JSP) fil-5 ta' Ottubru 1994]. F’din is-sentenza saret riferenza ghall-obbligu tad-danneggjat *"**illi jillimita kemm jista' jkun id-danni li ghalihom hu responsabbli min ikkagunalu l-hsara**";*

- **Anthony Fenech noe vs Paul Gauci** (Citaz. Nru: 103/82JSP) deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Frar 1994;

- **George Gatt vs Francis E. Carbone noe** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta’ Lulju 1998, fejn inghad: ***“il-ligi gustament trid li l-persuna danneggjata, tigi rizarcita; cioe’ titpogga f’sitwazzjoni mhix aghar, kwantu ghall-lucrum cessans u damnum emergens, milli kienet qabel l-infortunju. Il-ligi trid li l-hsara tigi***

***rizarcita, mhux li l-infortunat jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu"***;

- **Mario Camilleri vs Mario Borg et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Mejju 1990.

3. Il-vettura tad-danneggjat ghandha tigi ripristinata fil-kundizzjoni li kienet fil-mument tal-incident. Il-kwistjoni ta' *original parts* jew *imitation parts* giet trattata ricentement mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Azzopardi vs Carmelo Farrugia** [Avviz numru 957/99] deciza fis-7 ta' Novembru 2002. Il-Qorti esprimiet ruhha fis-sens li *"bil-fatt li l-attur appellat uza parts originali, huwa m'ghamel xejn hlief uzufruwixxa ruhu mid-dritt li jirripristina, naturalment kemm kien possibbli, il-karrozza fl-istat li kienet qabel l-incident. B'dan ma jfissirx li m'ghamel xejn biex jillimita d-danni"*. Il-fatt li karrozza tkun ilha fuq it-triq ghall-numru ta' snin m'hijiex xi prezunzjoni li d-danneggjat ma jkollux id-dritt li juza *original parts*. Inoltre, il-konvenut lanqas ma ndenja ruhu li jgib prova:

(a) Tal-kwalita ta' l-*imitation parts* li ghalihom ghamel riferenza Emanuel Xuereb (il-propjetarju tax-xarabank misjuqa mill-konvenut dakinhar ta' l-incident);

(b) Ta' l-istimi ta' l-*imitation parts* u jekk kienux kollha *in stock*;

Il-konvenut lanqas ma ressaq prova sodisfacenti li l-hsara li kellha l-vettura Ford Escort bin-numru IAA 094 setghet tissewwa minghajr ma kien hemm il-htiega li jinbidlu l-parts. Fatt li ssemma mix-xhud Emanuel Zarb prodott mill-konvenut. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova, u fic-cirkostanzi l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut.

B'riferenza ghall-kundizzjoni li l-vettura ta' l-attur kienet tinsab fiz-zmien li sehh l-incident, mis-survey report (fol. 31) jirrizulta li kienet *fair*. It-Tribunal jemmen li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, dan il-fatt wahdu

m’huwiex bizzejjed biex isostni d-difiza tal-konvenut. Inoltre, fil-fehma tat-Tribunal is-somma ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150) ghax-xiri tal-parts inkdikati fis-*survey report* [fol. 15] m’huwiex wiehed ezagerat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ tlett mija u tnax-il lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm312.31) kif spjegat fl-avviz tat-talba, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony**
**Gudikatur.**